Minuti tal-Laqgħa nru 52 tal-Ħames Kunsill Lokali tal-Mosta li ġiet imsejħa għal nhar il-Ħamis 3 ta' Marzu 2011 fis-7.00 p.m.

Il-laqgħa bdiet fis-7.30 ta' filgħaxija.

Il-Kunsillieri kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxa l-laqgħa tal-kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Paul Chetcuti Caruana | 7.25 | 10.00 |
| Viċi Sindku Josette Agius Decelis | 7.15 | 10.00 |
| Kunsillier Joseph DeMartino | 7.20 | 10.00 |
| Kunsillier Mario Sammut | 7.20 | 10.00 |
| Kunsillier Dr Shirley Farrugia | 7.20 | 10.00 |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 7.20 | 10.00 |
| Kunsillier Paul Agius | 7.20 | 10.00 |
| Kunsillier Kirby Fenech | 7.20 | 10.00 |
| Kunsillier Christopher Grech | 7.30 | 10.00 |
| Kunsillier David Meilak | 7.20 | 10.00 |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | 7.00 | 10.00 |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv , is-Sur Noel Cini kien preżenti għal-laqgħa.

**1.00 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

1.01 Is-Sindku staqsa lill-kunsillieri preżenti jekk xtaqux iressqu xi emendi għall-minuti tal-laqgħa li kient saret fis-6 ta' Jannar 2011.

1.02 Il-Kunsillier DeMartino qal li f' paragrafi 1.07 u 1.08 il-kelma skuża jew skużi għandha tinbidel mal-kelma "raġuni". Il-Kunsill approva din l-emenda.

1.03 Is-Sindku ppropona li f' paragrafu 3.04 fit-tieni linja flok il-frażi "Is-Sindku qallu li din kellha titħalla fl-item dwar affarijiet oħra" jidħol dan li ġej "Il-Kunsillier Grech oġġezzjona għall-fatt li peress li dak li kien qed iressaq is-Sur DeMartino ma kienx inkluż fil-lista tal-korrispondenza mressqa ma' l-aġenda, u għaldaqstant il-laqgħa għandha titkompla skont l-aġenda". Il-frażi li jmiss tibda bil-kliem "Il-Kunsillier DeMartino nsista....".

1.04 Fil-ħames linja tal-istess paragrafu, il-kelma "dan" tinbidel bil-kelma "l-editur", u wara l-kliem "kien maħtur mill-Kunsill", tidħol il-frażi "u dejjem tħallas mill-Kunsill" u għalhekk.... L-istess Kunisllier ippropona wkoll li fl-istess paragrafu fil-linja ta' qabel ta' l-aħħar, wara l-kliem "u li għalhekk" tidħol il-frażi "talab diversi drabi biex din l-ittra tiġi rtirata. Wara li s-Sindku irrifjuta li jirtira l-ittra huwa talab li jittieħed vot dwar jekk l-editur kellux jitneħħa jew le."flok dak il-kliem li kien hemm. Dawn l-emendi kienu approvati.

1.03 Il-Kunsill fuq suġġeriment tas-Sindku qabel li paragrafu 3.06 jinbidel, filwaqt li paragrafu 3.07 jitneħħa. Paragrafu 3.06 jinbidel kif ġej "Il-Kunsillier DeMartino qajjem point of order fejn baqa' jinsisti li l-korrispondenza li kellu għandha tiġi diskussa dak il-ħin, u talab li jittieħed vot. Il-Kunsillier Grech baqa' joġġezzjona għat-talba tas-Sur DeMartino għar-raġunijiet kif imsemmija aktar 'il fuq. Għaldaqstant is-Sindku ta ruling tiegħu minħabba l-fatt li din il-laqgħa

kienet kontinwazzjoni tal-laqgħa preċedenti u li l-ewwel kelma tiġi eżawrita l-agenda kollha qabel ma jitressqu xi items ġodda. Dan l-item seta' jinġieb għall-attenzjoni tal-Kunsill fl-item "Affarijiet Oħra".

1.04 Il-Kunsillier DeMartino ippropona emenda wkoll f' paragrafu 3.08, li issa kien sar paragrafu 3.07, fejn fl-ewwel linja wara l-kliem "il-każ u" li jidħlu l-kliem " dan kontra r-regolamenti tal-Kunsilli Lokali u". Din kienet approvata.

1.05 Il-Kunsillier DeMartino qal li f' paragrafu 3.05 flok il-fażi "li s-Sur Bartolo jibqa' fejn hu" tidħol il-kelma "imkeċċi". Saret diskussjoni dwar din l-emenda u minħabba li ma kienx hemm qbil dwarha, din l-emenda tressqet għall-vot ta' dawk preżenti, fejn is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillieri Grech, Sammut u Fenech ma qablux li din il-frażi tinbidel bil-kelma (imkeċċi) filwaqt li l-Kunsillieri DeMartino, Meilaq, Farrugia, Fenech Adami, Mifsud u Agius ivvutaw favur li din il-frażi tiġi sostitwita bil-kelma (imkeċċi). Għalhekk din l-emenda għaddiet b' sitt voti favur u ħamsa kontra.

1.06 Is-Sindku mbagħad għadda għall-approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa numru 51 (kontinwazzjoni) li kienet saret fis-27 ta' Jannar 2011. Dawn ġew approvati mingħajr emendi.

## 2.00 Tagħrif mill-Minuti

2.01 Sar qbil sabiex jiġi rranġat leakage tal-ilma li jidher li hemm fl-latrina pubblika, kif ukoll sabiex issir xi ħaġa dwar is-siġar tal-palm li hemm fid-daħla tal-bini tal-Kunsill, u dan minħabba li l-għeruq ta' dawn il-palm kienu qed jagħmlu ħsara fix-shaft tal-lift.

## 3.00 Korrispondenza

3.01 Kienet preżentata lista ta' 8 ittri jew emails – liema lista tqassmet ukoll lill-Kunsillieri kollha. Inqraw l-ittri u l-emails kollha, u ġiet immarkata l-azzjoni li kellha tittieħed fuq kull korrispondenza skont il-lista annessa ma' dawn il-minuti.

3.02 l-Kunsill approva wkoll talba mill-Grupp Organizzattiv Ġimgħa l-Kbira sabiex jintramaw xi siġġijiet faċċata tal-knisja waqt il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Din it-talba ġiet approvata skont il-pjanta mibgħuta ma' l-istess talba.

## 4.00 Materji Finanzjarji

1.01 Il-Kunsill approva lista ta' pagamenti urġenti li jammontaw għal ewro 89,643.72, lista oħra ta' ħlasijiet li tammonta għal ewro 253,708.72, u lista ohra b' konnessjoni ma' infieq dwar l-attivita` Mosta Dome li tammonta għal ewro 2,534.01.

1.03 Il-Kunsill ma approvax il-ħlasijiet dovuti lill-kumpanija Galea Curmi Engineering Services li jammontaw għal ewro 1,635.24, u dan qabel ma jiġi żgurat li dawn il-ħlasijiet huma skont it-tender.

1.04 Il-Kunisll approva wkoll stima dwar xogħol fuq in-network tal-kompjuters li hemm fl-uffiċċju tal-Kunsill li tammonta għal ewro 264.32.

1.05 Il-Kunsill approva wkoll applikazzjoni għal-lampa ġdida fi Triq San Pawl tal-Qliegħa, u l-bdil ta' floodlight f' Wesgħet Marco Montebello fil-Mosta.

1.06 Il-Kunisll approva wkoll ħlas addizzjonali dwar il-liċenzja meħtieġa minħabba l-operat tas-sistema tas-Sage Pastel Partner li ammonta għal ewro 185.80.

1.07 Il-Kunsill ma approvax ħlasijiet b' konnessjoni ma' ħsarat li ġarrbu xi vetturi minħabba l-istat ta' ċertu toroq u dan sabiex jekk possibbli ma jinħoloqx preċedent.

**5.00 Aġġornament**

5.01 Minħabba li kienu saru l-10.00pm, il-laqgħa ġiet aġġornata. Id-data u l-ħin jiġu komunikati mis-Sindku aktar 'il quddiem.

Dott Paul Chetcuti Caruana
Sindku

Noel Ċini
Aġent Segretarju Eżekuttiv